# Apprezzament

# Ġużeppi Baldacchino "Il-Bajjad"

## Fundatur u Ex-President ta' l-Għaqda Dilettanti tal-Festa, Bormla



Ġużeppi Baldacchino, magħruf l-aktar fost kulħadd bħala *Ġużeppi l-Bajjad*, li ħadem f'għadd enormi ta' knejjes, il-Katidral ta' l-Imdina, il-Kurja, is-Seminarju, residenzi ta' saċerdoti, kunventi u djar privati – kien ukoll bniedem li ħadem bis-sħiħ għall-festa ta' l-Immakulata Kunċizzjoni f'Bormla.

Ġużeppi twieled Bormla fis-26 ta' Novembru 1929 minn Emmanuel u Antonia xebba Casha, kuġina tal-Kantur tal-Kapitlu ta' Bormla Franġisku Casha. Matul il-gwerra l-familja kienet refuġjata ż-Żejtun, fejn Ġużeppi baqa' joqgħod meta żżewweġ lil Karmena Barbara u fejn kellu l-ewwel żewġt itfal, li aktar tard servew bħala sagristani fil-Kolleġġjata ta' Bormla. Wara tliet snin, il-familja Baldacchino niżlet Bormla, fejn hemmhekk twieldet bintu Miriam, li ġiet mgħammda mill-Arċipriet Ġużeppi Cassar wara li kien ilu snin ma jgħammed trabi. Dan għamlu bħala rispett lejn Ġużeppi tax-xogħol li kien qed jagħmel f'Bormla favur il-Ġimgħa l-Kbira u l-Irxoxt, billi l-Arċipriet Cassar kien il-prokuratur ta' dawn il-festi.

### Il-Ġimgħa l-Kbira f'Bormla u Ġużeppi

Ġużeppi ħareġ bl-idea li jinbidel il-mod ta' kif issir il-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira f'Bormla. F'konsulta ġenerali li saret fl-Oratorju tal-Kurċifiss li tagħha kien fratell, ġie deċiż li l-purċissjoni tibda ssir kif nafuha llum. Bdew jidhru l-ewwel persunaġġi Bibliċi f'din l-istess purċissjoni. Żied ukoll fil-purċissjoni ajkla artistika maħduma fl-injam mis-Sur Salvu Bugeja, kif ukoll l-Arka ta' l-Antik Testment. Hu ħadem bis-sħiħ biex saru ż-żewġ statwi ta' Ġuda (waħda ta' Louis Vassallo u l-oħra ta' Mikiel Camilleri Cauchi). Ħaseb ukoll biex isir restawr fuq il-vari kollha tal-Ġimgħa l-Kbira, li ġew saħansitra miżbugħin kollha, u sarulhom bradelli ġodda tal-kawba. Ħafna minn dawn ix-xogħlijiet saru fi żmien il-Prokuratur, il-Kanonku Ġużeppi Zammit.





## Aktar Xogħol fil-Knisja

Għall-festa ta' l-Għid il-Kbir ra li l-vara ta' Kristu Rxoxt tiġi mdawra b'girlanda tal-ganutell, bradella ġdida u bieba ta' taħt in-niċċa fejn jinżammu matul is-sena. Fuq l-artal tal-Kurċifiss ġabar għall-važuni tal-fidda, girlanda għal madwar in-niċċa tad-Duluri li hemm taħt il-Kurċifiss, kuruni tal-ganutell għall-*Via Sagra*, fjokk tal-fidda għall-kappella tal-Kurċifiss, fjuretti tal-ganutell għall-istess artal u żewġ linef żgħar. Huwa flimkien ma' l-għaqda tal-festa ġabar u rregala lill-knisja parrokkjali pjaneta u żewġ tuniċelli, kif ukoll il-koppla ta' quddiem il-kappella tal-Kurċifiss. Matul is-sena żebagħ il-knisja bil-koppla u s-saqaf b'kollox. Ġiet l-idea li titħaffer niċċa għall-vara tal-Kunċizzjoni, u kien hu li ħadem fit-tħaffir fil-blat sabiex din tkun tista' ssir.

## Armar ta' Barra

Fi żmienu l-armar kollu ġie miżbugħ, saru kolonni ġodda kbar għat-Triq tax-Xatt sa ħdejn il-knisja ta' Santa Tereża, sett ta' bandalori li jirrappreżentaw lill-appostli; daħal għall-inkarigu li jġib l-istatwi ta' David, Eżekjel, is-Sagra Familja u armar ieħor minn Ħaż-Żebbuġ. Saret ukoll fi żmienu kolonna għall-Papa Piju IX, taħt id-direzzjoni ta' Carmelo de Lorenzo, pavaljuni u bandalori għat-toroq ta' Bormla u l-istatwi ġodda ta' Sant'Anna u San Ġwakkin, u Ġuditta (l-antika).

## Fundatur ta' l-Għaqda tal-Festa

Fuq kollox, Ġużeppi l-Bajjad kien il-fundatur u għal ħafna snin president ta' l-Għaqda dilettanti tal-festa ta' Bormla taħt l-isem *19 ta' Novembru 1944* (il-jum li fih il-vara tal-Kunċizzjoni nġiebet lura Bormla f'pellegrinaġġ minn Birkirkara).

Baldacchino miet ta' 75 sena nhar it-3 ta' Frar 2005. Il-funeral tiegħu sar ġewwa Bormla fil-5 tax-xahar, fejn saret konċelebrazzjoni mill-Kapitlu ta' Bormla b'omelija minn fomm l-Arċipriet. Hekk kif it-tebut tiegħu nħareġ mill-knisja, mgħotti bi standard, ingħata salut. Minn hemm tniżżel fuq l-ispalla quddiem il-bieb ta' l-istess Għaqda li tagħha kien fundatur. Id-difna saret fiċ-ċimiterju ta' Santa Maria Addolorata, Raħal Ġdid fl-oqbra tal-Konfraternità tal-Kurċifiss ta' Bormla, li tagħha huwa kien fratell.

Fl-okkażjoni tal-festi taċ-ċentinarju, l-Għaqda tal-Festa fakkret lil Ġużeppi Baldacchino permezz ta' rħama bl-effiġi tiegħu fil-bronż, li saret bit-thabrik tan-neputi tiegħu Eman Bonnici, mill-iskultur Rabti, is-Sur Anton Agius. L-irħama ġiet mikxufa u mbierka mill-Arċipriet Dun Joe Mifsud fis-sittax ta' Ġunju 2005.

Nirringrazzjaw lil Ġużeppi tax-xogħol kollu li huwa wettaq matul is-snin favur il-parroċċa ta' Bormla. Żgur li l-Immakulata Kunċizzjoni ressqitu quddiem binha Ġesù sabiex jingħatalu l-premju mistħoqq.



***Il-funeral ta' Ġużeppi Baldacchino***



